IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
COM(2021) 678 final

2021/0355 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") u dwar l-Adozzjoni ta' Deċiżjoni li tadotta Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi bbażati fuq l-Art (il-"Protokoll LBS") dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") u l-Protokolli tagħha dwar deċiżjoni li tadotta Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi bbażati fuq l-Art (il-"Protokoll LBS") dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran u l-Protokolli tagħha

Il-Konvenzjoni ta' Barċellona u s-seba' Protokolli tagħha adottati fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran jikkostitwixxu l-Ftehim Ambjentali Multilaterali reġjonali vinkolanti prinċipali għall-Baħar Mediterran.

Il-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi bbażati fuq l-Art (il-"Protokoll LBS") huwa wieħed mis-seba' Protokolli tal-Konvenzjoni ta' Barċellona. Dan għandu l-għan li jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jipprevjeni, inaqqas u jelimina kemm jista' jkun it-tniġġis tal-Baħar Mediterran bir-rimi ta' skart jew materja oħra.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Protokoll LBS (emendat)[1].

2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha tiġbor flimkien Ministri u uffiċjali għolja li jirrappreżentaw lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Kontraenti se jiltaqgħu bejn is-7 u l-10 ta' Diċembru 2021 f'Antalya, it-Turkija.

Skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, l-Unjoni Ewropea ("l-UE") għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha b'għadd ta' voti daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni u għal protokoll wieħed jew aktar. L-UE ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom u viċeversa.

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS, id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, il-programm u l-miżuri għandhom isiru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti preżenti u votanti.

2.3. L-att previst tat-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha

Il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandhom japprovaw Deċiżjoni li tadotta l-Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jadotta żewġ Pjanijiet Reġjonali: Pjan Reġjonali li se jaġġorna diversi aspetti tal-Pjan Reġjonali attwali dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u Pjan

[1] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18–31.

Reġjonali ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ (it-tnejn li huma minn hawn ’il quddiem imsejħa l-“Pjanijiet Reġjonali”).

Il-Pjanijiet Reġjonali se jkunu vinkolanti għall-Unjoni f’konformità mal-Artikoli 15(3) tal-Protokoll LBS.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F’ISEM L-UNJONI

Il-Pjan Reġjonali previst dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi jsaħħaħ b’mod sostanzjali l-Pjan Reġjonali preċedenti dwar it-Tnaqqis tal-BOD5. B’mod partikolari, il-Valuri ta’ Limitu tal-Emissjonijiet (“ELVs”) ġew estiżi biex ikopru l-aktar sustanzi niġġiesa prominenti mormija fl-ilma mormi trattat, inkluż l-ilma mormi reklamat u industrijali.

Il-miżuri proposti fil-qafas tal-Pjan Reġjonali l-ġdid għall-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ ikopru: l-użi varji tal-ħama tad-drenaġġ; il-valuri limitu tal-kontenuti ta’ patoġeni u metalli tqal fil-bijosolidi għall-użu agrikolu; l-aspetti relatati mal-użu tal-ħama għall-irkupru tal-enerġija/tan-nutrijenti; u l-monitoraġġ tal-kwalità tal-ħama tad-drenaġġ mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi.

Pożizzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa minħabba l-effetti legalment vinkolanti tal-proposta prevista.

Il-proposta hija konformi mal-ambizzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku li jitnaqqas it-tniġġis u tittejjeb il-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta’ regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Barċellona.

L-att previst se jadotta Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-LBS dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ, u għalhekk, l-adozzjoni tiegħu tikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2021/0355 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") u dwar l-Adozzjoni ta' Deċiżjoni li tadotta Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi bbażati fuq l-Art (il-"Protokoll LBS") dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll emendat għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitajiet ibbażati fuq l-Art (il-"Protokoll LBS") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE[2] u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2008.

(2) Skont l-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni reġjonali li jkun fihom miżuri ta' konteniment u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

(3) Matul it-22 laqgħa li se ssir bejn is-7 u l-10 ta' Diċembru 2021, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandhom jadottaw il-Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ.

(4) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha jeħtieġ tiġi stabbilita għax id-Deċiżjoni prevista se tadotta Pjanijiet Reġjonali li huma vinkolanti għall-Unjoni skont l-Artikolu 15(3) tal-Protokoll tal-LBS.

(5) Peress li l-għan tal-Pjanijiet Reġjonali previsti huwa li jiġu aġġornati r-rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran, li jiġu mmodifikati l-impenji u l-ambizzjonijiet internazzjonali tal-UE u li tittejjeb il-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandha tkun li tiġi appoġġata l-adozzjoni

[2] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18–31.

ta’ Deċiżjoni li tadotta Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi bbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”) dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u l-Ġestjoni tal-Ħama tad-Drenaġġ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President